MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI
IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 12

4 ta' Mejju 2020

Minħabba l-Covid-19 u skont Ċirkulari 5 tal-2020 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokli, il-laqgħa tal-Kunsilli Lokali Ħal Qormi inżammet permezz ta' ZOOM Video Conference.

PREŻENTI:

Renald Falzon – Sindku
Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Donnha Barbara – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Daniel Ablett - Kunsillier

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Daniel Ablett u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Is-Sindku Renald Falzon ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 11, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' email, għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 11 ġew approvati b'mod unanimu.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li ġie mistieden mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun parti mill-Board fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni bin-numru PA/4742/17, Site at, Triq Hal-Qormi c/w Triq l-Erba Qaddisin c/w, Triq Valletta, Qormi, - *Phase 01_To demolish accretions to existing old structure and retain old structure, reservoir and ground water feature 'water chute'. Removal of rubble walls, uprooting of trees and removal of soil. To excavate site and construct 2 underground parking levels.* Is-Sindku Renald Falzon spjega li hu, flimkien ma' Dr Chris Cilia vvutaw kontra dan l-iżvilupp għall-fatt li l-proġett ma ġiex ippreżentat b'mod sħiħ.
Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li l-vot tas-Sindku kien wieħed tajjeb ħafna għaliex kif ġie preżentat il-proġett ma nafux fejn se naslu. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa jekk hux se jsiru xi retail outlets jew uffiċini. Is-Sindku nfurma li hu staqsa jekk sarx traffic impact assessment dwar dan il-proġett. Is-Sindku qal li qatt ma jista japprova xi ħaġa li se taffettwa l-lokalita' b'mod daqshekk drastiku.
Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li huwa mportanti li nikkonsultaw mal-Perit tal-Kunsill dwar dan kollu.
Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk Dr Chris Cilia kien qed jirrapreżenta lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku kkonferma li le, Dr Chris Cilia kien membru tal-bord.
Is-Sindku Renald Falzon nfurma li bħalissa qed isir eżerċizzju ta' tindif estensiv fi Triq il-Ħelsien/Triq Ta' Farżina mill-ħaddiema ta' OZO Group, wara li tlesta x-xogħol ta' tindif fiz-zona wara l-klabb tal-boċċi ta' San Bastjan.

12.3.2 Is-Sindku Renald Falzon infurma li beda x-xogħol ta' extensive patching fi Triq il-Mejjilla u Triq il-Ħammieri, fuq Triq il-Wied, mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku nfurma li malli sar l-iscarrifying ta' Triq il-Ħammieri nstab li t-triq mibnija fuq il-ħamrija u kellu jsir pedament ġdid sabiex it-triq ma tisfrundax, la darba jsir it-tarmac.

12.3.3 Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se jkun qed jinbeda x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġorġ li tinsab fi Triq il-Ħelsien. Is-Sindku nfurma li dan ix-xogħol ġie kkummissjunat lis-Sur Paul Borg, wara li kkonsulta mal-Kumitat Festi Esterni.

12.3.4 Is-Sindku Renald Falzon infurma li kellu talba sabiex jingħalaq l-aċċess mill-vetturi li jgħaddi minn Triq il-Kbira għal Triq San Pietru. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li huwa mportanti li nikkonsultaw mar-residenti. Għaldaqstant ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza lir-residenti. Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li jsiru bollards li jinqalgħu, sabiex f'każ ta' emerġenza tkun tista' tintuża.

## 12.4 Audited Financial Statements 2019

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet ippreżentat l-Audited Financial Statements, dokumenti li kienu mgħoddija lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tinsab sodisfatta għall-fatt li minkejja d-diffikultajiet kollha nżamm iż-żmien u l-awditjar sar bl-aħjar mod. L-istess Statements juru li l-awdituri wkoll jinsabu sodisfatti bix-xogħol li sar għaliex fil-fatt lanqas talbu Audit Adjustments.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li, bħalma jistgħu jaraw il-membri, l-Management Letter ma fiha xejn inwketanti u se tkun qed tipprepara r-Reply tal-Management Letter.

## 12.5 Mozzjonijiet

12.5.1 **Mozzjoni Nru 45 mressqa mill-Kunsillier Martina Grech**

Matul dan il-perjodu aħna lkoll nafu kemm hu diffiċli għall-ġenituri li jkunu jistgħu jibbilancaw ix- xogħol u jkunu kapaċi wkoll jassistu lit-tfal tagħhom 24x7 peress li l-iskejjel ngħalqu.

Il-ġenituri qegħdin dejjem isibu alternattivi biex jokkupaw lil uliedhom filwaqt li jgawdu ftit ħin ta' kwalità magħhom.

Għaldaqstant nipproponi li noħolqu "kompetizzjoni" għat-tfal tagħna, fejn il-Kunsill jippostja tpingijiet tal-knisja ta' St.George u tal-Knisja ta 'St.Sebastion u jagħmilhom disponibbli fuq il-paġna tal-facebook.

Kull ma għandhom jagħmlu hu li jagħżlu stampa waħda u jpinguha. Jiehdu ritratt tagħha u jttellgħuha 'fuq il-paġna "YouSafeQormi".

Il-parteċipanti kollha jingħataw Ktieb ipprovdut mill-Kunsill Lokali bħala apprezzament, filwaqt li l-aqwa 3 ritratti jew (sa ċertu jum u ħin) li fih l-iktar *likes* jirbaħ ktieb tal-għażla tagħhom (ez massimu ta' 30 euro)

Is-Sindku Renald Falzon issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssuġġerixxa li ma jiddaħħalx parrokjaliżmuu jintużaw stampi ta'dak li jirrappreżenta lil Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Martina Grech** infurmat li dan ix-xogħol se jinħadem minn Illustrator u t-tfal kemm jagħtu l-kulur. Is-Sindku Renald Falzon ppropona li din il-kompetizzjoni tinqasam bl-etajiet. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia infurma li r-Reġjun Nofsinhar qed jorganizza xi lezzjonijiet bl-isem WOTARTS minn artist żagħżugħ Qormi. **Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

12.5.2 **Mozzjoni Nru 46 imressqa mill-Kunsillier Martina Grech**

Nipproponi li nintroduċu 'mobile app' sabiex niffaċilitaw ix-xogħol tal-Kunsill Lokali u ngħinu wkoll liċ-ċittadini tagħna biex ikollhom post ċentrali fejn isibu formoli u aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Lokali tagħna.

Il-karatteristika primarja tal-app tista' tkun is-sistema 'REPORT IT!'.

Dan instab li huwa ta 'benefiċċju kbir għal kulħadd f'diversi lokalitajiet u se tippermetti lill-komunità tibqa 'f'kuntatt aħjar mal-kunsill u mal-membri tagħha.

'Report it' huwa fattur li jagħti s-setgħa lill-pubbliku biex jgħin lill-Kunsill jagħti servizz aħjar.

Barra minn hekk, aħna nistghu ninkludu wkoll il-karatteristiċi li ġejjin:

• Storja Lokali • Servizzi tal-Kunsill Lokali • Avvenimenti

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li l-Kunsill għandu qed jaħdem b'sistemi antiki,allura l-Kunsill għandu jara s-servizzi li qed jiġu offruti minn Kunsilli Lokali oħra.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.6.1 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2020.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2020.

## 12.7 Korrispondenza

12.7.1 Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan – Xiri ta' Forn fi Triq San Ġużepp.Is-Sindku nfurma li f'din il-korrispondenza ma ssemma' xejn għajr li qed jipproponu li l-Kunsill jixtri din il-propjeta'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa l-Kunsill Lokali diġa għandu loan ma bank lokali.

## 12.8 Rapporti ta' Sotto Kumitati

12.8.1 Il-Kunsillier Marvin Zammit infurma lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi ewropej taħt Miżura 4, fejn il-Kunsill ippreżenta proġett għal bini ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq San Ġwakkin u Sqaq Awżara. Dan il-proġett jammonta għal madwar € 110,000.

12.8.2 Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li jinħoloq reġistru ta' mozzjonijiet u tintbagħat lill-membri imqar darba fix-xahar.

12.8.3 Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk il-membri jistgħu jkollhom informazzjoni dwar PR tal-Kunsill u staqsa jekk sarx it-tibdil li ġie diskuss fil-ġurnal "Id-Dielja'. Is-Sindku Renald Falzon infurma li kollox għaddej b'ritmu tajjeb iżda minħabba l-Covid-19 kellhom jitwaqqfu bosta attivitajiet.

12.8.4 Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento talab li jsir tindif fi Triq il-Mejjilla

12.8.5 Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li fi Triq il-Mejjilla hemm fanal imqaċċat. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet aktar informazzjoni sabiex jiġi identifikat dan il-fanal.

12.8.6 Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li hemm kolonja tal-qtates li qed jinqatlu bil-karozzi u ppropona li ssir cat cafe fiz-zona ta' Triq San Franġisk.

12.8.7 Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri staqsa jekk kinitx saret it-talba għal rainwater culverts madwar Ħal Qormi. Is-Sindku nfurma li jinsab f'kuntatt ma Transport Malta.

12.8.8 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li kellu lmenti li l-bankina fi Triq il-Ġdida ma sarx ix-xogħol ta' manutenzjoni tagħha.

12.8.9 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li kellu talbiet sabiex fi Triq il-Vitorja, bejn Triq l-Imdina u Pjazza Alexandra jsiru traffic calmers minħabba sewqan eċċessiv u perikoluż li qed iseħħ ta' kuljum. Is-Sindku Renald Falzon infurma li biex dawn isiru it-traffic calmers iridu jiġu ppreżentati l-firem ta' approvazzjoni tar-residenti.

12.8.10 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli talab li l-membri jkunu nfurmati meta jkun se jinbdew xogħlijiet bħal per eżempju ix-xogħlijiet fi Triq il-Ħammieri.

12.8.11 Il-Kunsillier Donnha Barbara nfurmat li qed ikun hemm diżastru fi Triq ix-Xitwa fejn ta' kuljum bidwi partikolari qed jarmi d-drenaġġ fit-triq.

12.8.12 Il-Kunsillier Donnha Barbara nfurmat li kellha bosta talbiet sabiexTriq il-Ħammieri/Triq ix-Xitwa ssir One Way

12.8.13 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu bosta lmenti mingħand ir-residenti ta' Triq il-Kummerċ fejn qed jitolbu enforcement minħabba vetturi mitluqin u ħmieġ.

12.8.14 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed issir talba għal repaint ta' marki tat-traffiku fi Triq il-Vitorja. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan ix-xogħol huwa mdaħħal fil-programm ta' xoghlijiet tal-ħaddiema.

12.8.15 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li Ġnien Gorg Hyzler jinsab mitfi.

12.8.16 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu bosta lmenti dwar il-ġbir ta' skart fejn l-iskart qed idum biex jinġabar anke sat-3.00p.m. Talab li jkun hemm kontroll fuq il-kuntrattur sabiex jinżamm il-ħin u l-iskart ma jdumx jiġri fit-toroq.

12.8.17 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa meta se tiġi nstallata l-mera ta' Triq il-Kbira opp Triq l-Arkata.

12.8.18 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa dwar il-problema tal-ilmijiet fi Triq San Pawl k/m Triq San Franġisk. Is-Sindku nfurma li saret site inspection mal-kuntrattur tal-Kunsill u nħarġu żewġ proposti (1) li jsir rain water culvert jew (2) li tinqala t-triq u terġa' ssir. Is-Sindku nfurma li qed nistennew l-istimi sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi.

12.8.19 Il-Kunsillier Martina Grech talbet li jsir media plan mal-PR Consultant. Il-Kunsillier Martina Grech saħħqet li huwa mportanti li jkun hemm uniformita fil-posts tal-Kunsill. Il-Kunsillier Donnha Barbara pproponiet li jinfetaħ account fuq Instagram.

12.8.20 Il-Kunsillier Martina Grech staqsiet jekk il-Kunsill hux se jkun qed jagħmel tabelli sabiex jiġu mmarkati iż-żewġ metri distanza quddiem il-ħwienet. Is-Sindku nfurma li hija responsabbilta tas-sidien tal-ħwienet biex jagħmlu dawn il-marki

12.8.21 Il-Kunsillier Martina Grech staqsiet dwar l-istreet parties li qed isiru fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn l-attivitajiet huma kollha llegali.

12.8.22 Il-Kunsillier Ralph Puli talab li jsir repaint tal-marki tat-traffiku fi Triq Anici.

12.8.23 Il-Kunsillier Ralph Puli talab li tiġi nstallata road hump fi Triq il-Vitorja, qabel taqbad il-roundabout ta' ħdejn il-Health Centre.

12.8.24 Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk kienx hemm żviluppi minn Infrastructure Malta meta se jsiru t-toroq f'Ħal Qormi.

## 12.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 1 ta' Ġunju 2020 fis-6.30p.m..

Konfermati, illum 1 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Renald Falzon<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |